MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 226/2006

**Mark Muscat**

**vs**

**Anthony Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat is-26 ta' Lulju tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut fuq indikat, quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin, (LM1,200.00,0), bilanc minn somma akbar u rapprezentanti l-prezz li huwa hallsu ta' xoghol ta' appalt li kellu jaghmel fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti skond ftehim datat 23 ta' Ottubru tas-sena 2004, (ara Dok A.), liema xoghol il-konvenut baqa' ma ezegwiex, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi jhallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti, anke okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti danni li sofra l-istess rikorrenti b'konsegwenza tal-fatt illi parti mix-xoghol li sar mill-konvenut ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti, kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, skond il-ligi, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

4. Illi ghal kull buon fini qed jigi dikjarat illi t-talba tar-rikorrenti ma teccedix is-somma ta' tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0);

Rat ir-risposta datata t-12 ta' Marzu tas-sena 2007 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament hemm l-inkompetenza 'rationae valoris' ta' dina l-Onorabbli qorti;

2. Illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-attur huma kontestati w l-esponent qed jirriserva d-dritt li jiehu proceduri ulterjorment;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet il-provi prodotti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tar-rapprezentant legali ta' l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn tirrileva li ghalkemm jirrizulta li l-konvenut inghata l-opportunita' li jressaq il-pozizzjoni tieghu quddiem din il-qorti, jirrizulta li ghazel li ma jidhirx u lanqas jidher ir-rapprezentant legali tieghu, (ara fol 42 u 43);

Illi tali assenza, mhux gustifikata skond il-ligi, hi ekwivalenti ghal dikjarazzjoni li m'ghandux provi x'jipproduci, u ghalhekk din il-qorti hi kostretta li tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-provi in atti;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante din l-inerzja l-konvenut xorta ssolleva eccezzjoni preliminari li ghalkemm ma vvalutahhiex u ma sahhahiex b'xi prova jew argument, xorta wahda hi kwistjoni li trid tigi adegwatament epurata;

Illi jidher li l-konvenut seta' gie mqarraq mill-ewwel kawzali ta' l-attur stante li l-ammont hemm indikat hu effettivament inferjuri ghall-limitu gurisdizzjonali ta' din il-qorti;

Illi pero' ghandu jinghad li l-attur ghandu kawzali iehor li ovvjament ghandu jinghad ma dak precedenti, fejn jirrizulta li flimkien, dawn il-kawzali jissuperaw abbundantement dan il-limitu;

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni preliminari qed tigi respinta, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu, l-lanjanza ta' l-attur tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur kellu bzonn jeffettwa xi xoghlijiet strutturali fir-residenza tieghu, u fuq pariri ta' persuni fdati, inkariga lill-konvenut biex jeffettwhom;

2. Illi wara li l-konvenut spezzjona l-fond fejn kellu jsir ix-xoghol, accetta l-inkarigu;

3. Illi x-xoghlijiet li kellhom isiru gew effettivament elenkati, (ara fol 2 u 13);

4. Illi appena sar il-ftehim fuq indikat, (fit-23 t'Ottubru tas-sena 2004), l-attur ta hames mitt Lira Maltin,

(LM500.00,0), lill-konvenut biex ikun jista’ jibda x-xoghlijiet necessarji;

5. Illi jirrizulta li kull meta l-attur ghadda xi pagamenti lill-konvenut dawn gew debitament rikonoxxuti mill-istess konvenut billi ffirma li ha l-flejjes indikati, (ara fol 15-26);

6. Illi in effetti l-partijiet kienu ftehmu li x-xoghlijiet in dizamina kellhom jiswew hamest elef u hames mitt Lira Maltin, (LM5,500.00,0), pero’, minhabba xi estensjonijiet fix-xoghlijiet, dan l-ammont zdied ghal sitt elef, mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM6,250.00,0);

7. Illi meta l-attur ma baqax jaghti aktar flus lill-konvenut intimat, dan ta’ l-ahhar waqaf milli jkompli bix-xoghlijiet tieghu dovuti;

8. Illi di piu’, kien jirrizulta li x-xoghlijiet maghmula kienu skadenti;

9. Illi l-attur kien kostrett jinkariga perit biex jezamina x-xoghlijiet maghmula mill-konvenut fejn id-difetti fix-xoghol de quo gew elenkati bi precizjoni, (ara fol 28);

10. Illi in effetti l-attur kien ukoll kostrett jinkariga lil haddiehor biex jittermina x-xoghlijiet;

11. Illi in effetti l-attur isostni li bhala rizultat tan-nuqqasijiet tal-konvenut hu ghandu jithallas minnu s-segwenti: (ara fol 11);

i. LM1,200.00,0 bhala pagamenti mhallsa mill-attur lill-konvenut, liema xoghlijiet qatt ma gew minnu esegwiti;

ii. Lm1,500.00,0 bhala spejjez inkorsi mill-attur biex jirranga x-xoghol hazin tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi tiddikjara li qed tistrieh fuq dan l-analisi stante li l-konvenut ghazel li ma jersaqx ghall-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi finalment tirrileva wkoll li tara stramb hafna li persuna li tithallas dawn l-ammonti hekk konsistenti tista’ tikkwalifika ghall-ghajnuna legali;

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi r-risposti ulterjuri sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Bonello biex ihallas lill-attur Mark Muscat l-ammont ta’ elfejn u seba’ mitt Lira Maltin, (LM2,700.00,0);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra l-konvenut mid-data tas-sentenza odjerna.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------